

Il-Ġurnal Uffiċjali C 204

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

28 ta' Ġunju 2017

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 204/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8497 — Sibur/TechnipFMC/Linde/JV) ⁽¹⁾	1
2017/C 204/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8433 — Zalando/Bestseller United/JV) ⁽¹⁾ ...	1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2017/C 204/03	Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2017 li ġġedded il-Bord Governattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professionali	2
---------------	---	---

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 204/04	Rata tal-kambju tal-euro	4
2017/C 204/05	Notifika tal-Kummissjoni fid-data ta' meta tasal l-opinjoni, li tipproponi klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati fil-livell tal-UE ta' glifosat tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	5

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2017/C 204/06	Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 5(2) — Modifika ta' Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) (<i>Ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19) u r-Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1082/2006</i>)	6
---------------	--	---

V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 204/07	Sejħiet għall-proposti skont il-programm ta' ħidma għall-għotjiet fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu mill-2014 sal-2020 (Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2017)696)	7
---------------	---	---

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 204/08	Notifika li tikkonċerna l-miżuri anti-dumping fis-seħħ fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' oġġetti taċ-ċeramika ta' fuq il-mejda u tal-kċina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina: bidla fl-isem ta' kumpanija suġġetta għar-rata ta' dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkoperaw mhux fil-kampjun	8
---------------	---	---

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.8497 — Sibur/TechnipFMC/Linde/JV)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 204/01)

Fid-19 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32017M8497. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.8433 — Zalando/Bestseller United/JV)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 204/02)

Fis-16 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32017M8433. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Ġunju 2017

li ġġedded il-Bord Governattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali

(2017/C 204/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra n-nomina ppreżentata mill-Gvern Daniż,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tal-14 ta' Lulju 2015 ⁽²⁾ u tal-14 ta' Settembru 2015 ⁽³⁾, il-Kunsill ħatar il-membri tal-Bord Governattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għall-perijodu mit-18 ta' Settembru 2015 sas-17 ta' Settembru 2018.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Lars MORTENSEN, sar disponibbli siġġu ta' membru fuq il-Bord Governattiv taċ-Ċentru għad-Danimarka fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-Gvern.
- (3) Jinħtieġ li l-membri tal-Bord Governattiv taċ-Ċentru msemmi hawn fuq jinħatru għall-bqija tal-mandat attwali, li jiskadi fis-17 ta' Settembru 2018.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-persuna li ġejja hija b'dan maħtura membru tal-Bord Governattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għall-bqija tal-mandat, li jiskadi fis-17 ta' Settembru 2018:

RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN:

DANIMARKA

Is-Sinjura Lise Lotte TOFT

⁽¹⁾ ĠUL 39, 13.2.1975, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 232, 16.7.2015, p. 2.⁽³⁾ ĠU C 305, 16.9.2015, p. 2.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata, għall-informazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

J. MIZZI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Is-27 ta' Ġunju 2017

(2017/C 204/04)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1278	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4895
JPY	Yen Ġappuniż	126,16	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,7972
DKK	Krona Daniża	7,4357	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5431
GBP	Lira Sterlina	0,88370	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5626
SEK	Krona Żvediża	9,7678	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 283,79
CHF	Frank Żvizzeru	1,0883	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,5572
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,6853
NOK	Krona Norveġiża	9,5200	HRK	Kuna Kroata	7,4070
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 007,64
CZK	Krona Ċeka	26,270	MYR	Ringgit Malażjan	4,8360
HUF	Forint Ungeriż	309,40	PHP	Peso Filippin	56,653
PLN	Zloty Pollakk	4,2151	RUB	Rouble Russu	66,5530
RON	Leu Rumun	4,5635	THB	Baht Tajlandiż	38,289
TRY	Lira Turka	3,9525	BRL	Real Brażiljan	3,7216
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4819	MXN	Peso Messikan	20,1288
			INR	Rupi Indjan	72,7545

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Notifika tal-Kummissjoni fid-data ta' meta tasal l-opinjoni, li tipproponi klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati fil-livell tal-UE ta' glifosat tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

(2017/C 204/05)

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1056 ⁽¹⁾ tawwal il-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat sa 6 xhur mid-data meta l-Kummissjoni tirċievi l-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi jew il-31 ta' Diċembru 2017, skont liema data tiġi l-ewwel.

Fil-Premessa 7 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ddikjarat li meta hija rċeviet l-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li tkun qed tikkomunika d-data ta' meta tkun waslitilha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni rċeviet l-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi li tipproponi l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati fil-livell tal-UE tal-glifosat fil-15 ta' Ġunju 2017.

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1056 tad-29 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 f'dak li għandu x'jaqsam mal-estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 173, 30.6.2016, p. 52).

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 5(2)

Modifika ta' Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT)

(Ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19) u r-Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1082/2006)

(2017/C 204/06)

I.1. L-isem u l-indirizz tar-REKT

Isem irreġistrat: Eurorégion Aquitaine/Euskadi/Navarra

Uffiċċju rreġistrat: Rue Leku Eder, 64700 Hendaye ZI Les Joncaux, France

I.2. Tul ta' żmien taż-żieda:

Tul ta' żmien tar-raggruppament: mhux definit

I.3. L-ewwel pubblikazzjoni fil-ĠU tal-UE: 06/12/2012 - ĠU/S S234

I.4. L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-membri l-ġdid:

Communauté Forale de Navarre

Mikel Irujo: mirujoam@navarra.es

V

(Avviżi)

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħiet għall-proposti skont il-programm ta' ħidma għall-għotjiet fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu mill-2014 sal-2020

(Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2017)696)

(2017/C 204/07)

Id-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjoni, il-Kontenut u t-Teknoloġija tal-Kummissjoni Ewropea b'dan qed iniedi erba' sejħiet għall-proposti sabiex jingħataw għotjiet għal proġetti skont il-prijoritajiet u l-għanijiet definiti fil-Programm ta' Ħidma tal-2017 fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu 2014-2020.

Qed jintlaqgħu l-proposti għal dawn l-erba' sejħiet:

CEF-TC-2017-3: Fatturazzjoni elettronika

CEF-TC-2017-3: Traduzzjoni elettronika

CEF-TC-2017-3: Ewropeana

CEF-TC-2017-3: Dejta pubblika miftuħa

Il-baġit indikattiv totali disponibbli għall-proposti magħżula fl-ambitu ta' dawn is-sejħiet huwa ta' EUR 24 miljun.

L-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-proposti hija **it-28 ta' Novembru 2017**.

Id-dokumentazzjoni rispettiva tas-sejħa tinsab fuq is-sit web tat-Telekomunikazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa:

<https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-telecom/apply-funding/2017-cef-telecom-calls-proposals>

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI
KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika li tikkonċerna l-miżuri anti-dumping fis-seħħ fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' oġġetti taċ-ċeramika ta' fuq il-mejda u tal-kċina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina: bidla fl-isem ta' kumpanija suġġetta għar-rata ta' dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkoperaw mhux fil-kampjun

(2017/C 204/08)

L-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika ta' fuq il-mejda u tal-kċina ("oġġetti tal-mejda") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huma soġġetti għal dazju antidumping definittiv, impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina⁽¹⁾ ("ir-Regolament (UE) Nru 412/2013").

Kumpanija waħda li tinsab fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, Kodiċi addizzjonali TARIC B521⁽²⁾, li l-esportazzjonijiet tagħha lejn l-Unjoni ta' oġġetti tal-mejda huma soġġetti għar-rata ta' dazju anti-dumping għal kumpaniji li kkoperaw mhux inklużi fil-kampjun ta' 17,9 %, infurmat lill-Kummissjoni li bidlet isimha kif imniżżel hawn taħt.

Il-kumpanija talbet lill-Kummissjoni biex tikkonferma li l-bidla fisimha ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju applikat lill-kumpanija taħt l-isem li kellha qabel.

Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni mogħtija u kkonkludiet li l-bidla fl-isem ma taffettwa bl-ebda mod is-sejbiet tar-Regolament (UE) Nru 412/2013.

Għaldaqstant, ir-referenza fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 412/2013 għal:

Fujian De Hua Jiashun Art&Crafts Co., Ltd	B521
---	------

għandha tinbidel għal:

Fujian Jiashun Art&Crafts Co., Ltd	B521
------------------------------------	------

Il-kodiċi addizzjonali TARIC B521 li qabel ġie attribwit għal Fujian De Hua Jiashun Art&Crafts Co., Ltd għandu japplika għal Fujian Jiashun Art&Crafts Co., Ltd.

⁽¹⁾ ĠU L 131, 15.5.2013, p. 1.

⁽²⁾ It-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT